**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

Illum, 11 ta' Dicembru, 2018

**Il- Pulizija**
**(Spettur Yvonne Farrugia)**

**-vs-**

**Philip Gatt, detentur tal-karta tal-identita' numru 160073M**

***Kumpilazzjoni Nru. 1224/2013***

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Philip Gatt u ċioè talli:

1. Nhar l-04 ta' Ottubru 2013, għall-ħabta tal-għaxra ta' filgħodu, ġewwa Ħaż-Żebbuġ, Malta, talab, irċieva jew aċċetta xi offerta jew wegħda ta' xi vantaġġ mhux xieraq għalih innifsu jew għal xi ħadd ieħor bil-għan li jeserċita xi influwenza mhux xierqa fuq il-mod kif tiddeċieda persuna oħra;
2. Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, talab, ircieva jew accetta xi offerta jew weghda ta' xi vantagg mhux xieraq ghalih innifsu jew ghal xi hadd iehor bil-ghan li jezercta xi influwenza mhux xierqa bhalma hemm imsemmi fl-artikolu 121A(1) tal-Kapitolu 9;
3. Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, wieghed, ta jew offra, sew b'mod dirett sew indirett, xi vantagg mhux xieraq lil persuna ohra li jasserrixxi jew jikkonferma li huwa ikunu kapaci li jaghmel xi influwenza mhux xierqa fuq il-mod kif tiddeciedi persuna

li hemm imsemmija fl-artikoli precedenti, that is-Sub-Titolu IV tal-Kapitolu 9 u ta' xi persuna ohra, sabiex igieghel lil dik il-persuna ohra tezercita dik l-influwenza, sew jekk dak il-vantagg mhux xieraq ikun ghal dik il-persuna ohra jew ghal xi hadd iehor.

F'każ ta' htija l-Qorti ġiet mitluba, li wara li tinforma ruħha minn fatti speċifiċi, u tkun għal kollox konvinta li l-propjeta' inkwistjoni tkun inkisbet minn attivita' kriminali, din il-propjeta' tiġi konfiskata, u ċioe' l-ammont ta' elf ewro (€1000).

Rat illi waqt l-udjenza tas-26 ta' Novembru, 2018, l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453(1) tal-Kapitolu IX, Ligijiet ta' Malta, moqri flimkien mal-Artikolu 392A(1) tal-istess Kapitolu, u cioe' wara li l-imputat wiegeb li hu hati ghall-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu, din il-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba u nghata zmien xieraq sabiex jekk irid jerga lura minnha.

Semghet ix-xhieda.

Semghet is-sottomissjonijiet maghmula mill-prosekuzzjoni u mid-difiza dwar il-piena.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkunsidrat:
Illi qabel xejn irid jinghad illi ghalkemm din il-kawza tirrigwarda reati li allegatament sehhew fl-2013, l-istess kawza giet mismugha minn din il-Qorti, kif diversament presjeduta, u l-ewwel udjenza quddiem din il-Qorti, kif preseduta, giet mizmuma fit-2 ta' Dicembru, 2015.

Illi ghalkemm l-imputat rregistra ammissjoni ghall-imputazzjonijiet kollha addebitati lilu, il-fatti specie ta' dan il-kaz jinkwadraw biss fl-ahhar imputazzjoni u cioe` dik ravvizata bl-artikolu 121A(2) tal-Kodici Kriminali.

Illi ser issir riferenza ghas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Saveria sive Saverin Sinagra** fejn il-Qorti tal-Magistrati ghamlet ezami *funditus* dwar ir-reat ravvizat bl-artikolu 115 tal-Kodici Kriminali: [1]

> Illi minn ezami ta'l-**artikolu 115** tal-Kodici Kriminali li jikkontempla r-reat ta' korruzzjoni jirrizulta illi l-elementi bazici li jridu jigu ippruvati huma essenzjalment erba' u cioe`:
>
> 1. in-natura ufficjali jew pubblika ta'l-impieg tal-persuna ikkoncernata.[2]
>
> 2. li dik il-persuna irceviet jew accettat flus, jew xi rigal, jew weghda jew offerta u dawn ma ikunux dovuti skond il-ligi.[3]
>
> 3. li dana jkun in konnessjoni ma'l-istess kariga jew impieg.
>
> 4. li l-iskop ikun illi l-persuna taghmel jew ma taghmilx id-dmir tieghu/taghha.[4]
>
> Illi b'rabta ma' din id-disposizzjoni tal-ligi, l-Avukat Generali iccita wkoll l-artikolu 120, fejn titqies bhala komplici il-persuna li tikkorrompi l-ufficjal pubbliku.
>
> Illi ghalhekk l-ewwel element essenzjali ghal kummissjoni ta' dana ir-reat huwa n-natura ufficjali jew pubblika ta'limpieg tal-persuna li qed tigi korrota. Illi l-Professur Mamo fin-noti tieghu dwar id-dritt penali ighid: "***The character of public officer or person employed under the Government is the first essential of this crime. The wording is very wide and embraces all officers or employees under the Government. ... It includes all public officers or employees whether their duties are judicial, ministerial or executive or mixed.***"
>
> Illi l-artikolu 92 imbaghad jiddisponi testwalment illi:
>
> **"Taht il-frazi generali 'ufficjal pubbliku' jidhlu mhux biss l-awtoritajiet kostitwiti, civili u militari, izda wkoll dawk il-persuni kollha li huma mahtura skond il-ligi sabiex jamministraw xi parti tas-setgha ezekuttiva tal- Gvern, jew biex jezegwixxu xi dmir iehor pubbliku impost mil-ligi, sew gudizzjarju kemm amministrattiv kif ukoll tax-xorta l-wahda u l-ohra."**

Issa mill-provi prodotti jirrizulta li l-imputat kien biss <u>project manager</u>. Ma giex pruvat mqarr remotament li hrug ta' permessi biex wiehed jarma fuq il-Monti ta' Haz-Zebbug, kien jaqa' fil-mansjonijiet tal-kariga jew impjieg tieghu!

---

[1] Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, Deciza 30.06.2010 per Onor. Magistrat Dr. Edwina Grima.
[2] Vide ukoll **Il-Pulizija vs Joseph Buhagiar** (Appell, Deciza 19 ta' Lulju, 1982).
[3] Vide ukoll **Il-Pulizija vs Lawrence sive Lorry Cuschieri et** (Appell, Deciza 25 ta' Lulju, 1986)
[4] Vide ukoll Il-**Pulizija v. Alfred Demicoli** (Appell, Deciza 2 ta' Mejju 1985)

Aktar minn hekk, l-akkuzi kif addebitati ma jaghmlu ebda riferenza ghall-fatt li Gatt kien 'ufficjal jew impjegat pubbliku' ghalkemm hu cjar li l-ewwel reat hu dak prospettat bl-artikolu 115 tal-Kodici Kriminali, dak tal-korruzzjoni.

Issir riferenza ghas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Andre Falzon:**[5]

Minn dawn il-fatti jemergi allura illi l-ammissjoni ta'l-appellanti hija konfliggenti mal-provi l-ohra li hemm fl-atti, senjalatament l-istqarrija tieghu stess ghaliex minn din ta'l-ahhar jirrizulta illi huwa ikkometta r-reati addebitati lilu mhux f'Awwissu, izda f'Settembru 2013 u kwindi huwa ammetta ghall-fatti li ma kenux gew kommessi minnu ghal ta'l-anqas mhux fid-data indikata fl-akkuza, izda xahar wara. Illi d-dottrina fir-rigward tal-valur probatorju ta'l-ammissjoni maghmula mill-persuna akkuzata tghallimna illi:

"*Dwar l-effett ta' ammissjoni fuq l-appell tal-persuna misjuba hatja din il-Qorti (jew ahjar, il-Qorti Kriminali li allura kienet tisma' l-appelli mid-decizjonijiet tal-Qorti tal-Magistrati tal-Pulizija Gudizzjarja) diga` kellha l-opportunita` li tippronunzja ruhha fis-sentenza tagha tas-27 ta' Ottubru, 1962 fil-kawza fl-ismijiet Il-Pulizija vs George Cassar Desain (Kollez. Deciz. XLVI.IV.911). F'dik is-sentenza gie ritenut, mill-kompjant Imhallef William Harding, fuq l-iskorta ta' gurisprudenza kemm Ingliza kif ukoll lokali, li fuq ammissjoni ta' l-imputat Qorti ma tistax hlief tghaddi ghall-kundanna tieghu ammenokke` ma jirrizultax li l-imputat ma jkunx fehem in-natura ta' l-imputazzjoni jew li ma kinitx l-intenzjoni tieghu li jammetti li hu hati ta' dik l-imputazzjoni* ***jew li fuq il-fatti minnu ammessi l-Qorti ma setghetx skond il-ligi, tikkundannah, cjoe` ssibu hati ta' reat.***[6] "(sottolinjar tal-Qorti)

Illi fil-kaz in dizamina ma jistax jinghad illi l-appellanti qieghed jallega illi huwa ma fehemx in-natura ta'l-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu, jew inkella li ma kenitx l-inetnzjoni tieghu li jammetti, izda jirrizulta mill-atti illi abbazi tal-fatti tal-kaz kif esposti, l-Ewwel Qorti ma setatx issib htija ghal tali akkuzi billi ma kenux jissussistu fid-data indikata fl-akkuza. Issa l-kodici penali taghna jimponi l-obbligu fuq il-Qorti Kriminali taht l-artikolu 436(3)(c) li ghandha taghmel dak kollu li m'huwiex projbit jew mhux ordnat mill-ligi taht piena ta' nullita, kull meta l-Qorti fid-diskrezzjoni taghha jidhirliha li hu hekk mehtieg ghat-tikxif tal-verita.' Illi l-appellanti allura ghandu ragun u din il-Qorti ma tistax taghlaq ghajnejha ghal dan in-nuqqas procedurali daqslikieku ma kienx jezisti u dan ghaliex is-sentenza impunjata tirrifletti fatti li mhumiex sostanzjati bil-provi li hemm fl-atti, ghalkemm l-appellanti ammetta ghalihom. Kwindi din il-Qorti ma ghandhiex trqi ohra hlief li tghaddi sabiex tannulla id-decizjoni appellata u dan billi tirrizulta decizjoni hazina fuq il-mertu u dan kif previst fl-artikolu 428(5) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi fis-sentenza moghtija mill-istess Qorti fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Godfrey Formosa** nghad:[7]

Minn dawn il-fatti jemergi allura illi l-ammissjoni ta'l-appellanti ma tirriflettiex l-fatti li jemergu mill-provi li hemm fl-atti, ….

---

[5] Deciza 19 ta' Novembru 2015; Qorti tal-Appell Kriminali per Onor. Imhallef Dr. Edwina Grima; Appell numru 385/2015.

[6] Il-Pulizija vs Martin Camilleri 20/01/1995 (Vol.LXXIX.v.1538)

[7] Deciza 26 t'Ottubru, 2017 per Onor. Imhallef Dr. Edwina Grima; Appell numru.99/2017.

Allura dan iwassal ghal konkluzjoni illi minn ezami tal-atti u abbazi tal-fatti tal-kaz kif esposti, l-Ewwel Qorti ma setatx issib htija ghall-ewwel imputazzjoni billi r-reat qatt ma seta' jirrizulta. Issa l-kodici penali taghna jimponi l-obbligu fuq il-Qorti Kriminali taht l-artikolu 436(3)(c) li ghandha taghmel dak kollu li m'huwiex projbit jew mhux ordnat mill-ligi taht piena ta' nullita, kull meta l-Qorti fid-diskrezzjoni taghha jidhirliha li hu hekk mehtieg ghat-tikxif tal-verita.' Mhux biss izda l-artikolu 392(A)(3) jimponi fuq il-Qorti illi:

"..... *meta jkun hemm raġuni tajba biex wieħed jiddubita jekk ir-reat kienx ġie tassew magħmul, jew jekk l-akkużat hux ħati tar-reat, il-qorti għandha, għalkemm l-akkużat ikun stqarr li hu ħati, tordna li l-proċeduri jkomplu jitmexxew 'l quddiem, bħallikieku l-akkużat ma weġibx li hu hati*."

Illi l-appellanti allura ghandu ragun u din il-Qorti ma tistax taghlaq ghajnejha ghal dan in-nuqqas daqslikieku ma kienx jezisti u dan ghaliex is-sentenza impunjata tirrifletti fatti li mhumiex sostanzjati bil-provi li hemm fl-atti, ghalkemm l-appellanti ammetta ghalihom…..

Illi ghalkemm l-artikolu 436(3) tal-Kodici Kriminali mhux wiehed mill-artikoli rezi applikabbli specifikatament ghall-Qrati tal-Magistrati bl-artikolu 525 tal-Kodici, mhemmx dubbju li din il-Qorti tkun qed tonoqs serjament mid-doveri taghha jekk issib persuna hatja ta' fatti li ma jirrizultawx mill-provi prodotti anzi fejn l-istess provi joffru fatti konfliggenti.

Illi fid-dawl tar-rizultanzi processwali u fuq dan l-insenjament, l-imputat qed jigi liberat minn kwalunkwe htija u piena fuq l-ewwel zewg akkuzi migjuba fil-konfront tieghu u cioe` dawk ravvizati bl-artikoli 115 u 121A(1) tal-Kodici Kriminali minkejja l-ammissjoni tieghu ghall-akkuzo kollha.

Illi qed tinstab htija biss fuq it-tielet akkuza.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni tan-natura serja tar-reati li jinsab akkuzat bihom l-imputat, tal-ammissjoni tieghu w tal-fedina penali tieghu li ma tohloq ebda preokkupazzjoni ghall-Qorti. Ittiehed konsiderazzjoni wkoll tac-cirkostanzi kollha l-ohra tal-kaz partikolarment tar-rakkomandazzjonijiet maghmula mill-Ufficjal tal-Probation.[8]

Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti wara li rat l-artikolu 121A(2) tal-Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta, filwaqt li tillibera lill-imputat mill-ewwel u mit-tieni imputazzjonijiet, issib lill-imputat hati tat-tielet imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu, u b'applikazzjoni tal-artikolu

11 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta tpoggi lil Philip Gatt taht ordni ta' taħt Ordni ta' Servizz fil-Komunita`.

F'din l-Ordni ta' Servizz fil-Komunita` huwa mehtieġ li l-hati jaghmel xoghol bla hlas jew xoghol bla hlas u tahriġ, kif rakkommandat fir-rapport rilaxxjat mill-istess Ufficjal tal-Probation u dan ghall-perijodu ta' mija u tmenin siegha (180) kif qed jigi speċifikat fl-ordni.

Ai termini tas-sub inciz (4) ta' l-Artikolu 11 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti qed tispjega lill-hati bi kliem li jiftiehem sew l-effett tal-ordni u li jekk il-hati jonqos li jikkonforma ruhu maghha jew jaghmel xi reat iehor, il-hati jkun jista' jinghata sentenza għar-reat oriġinali. Il-ħati qiegħed jiddikjara li jaqbel ma tali ordni.

A tenur tas-sub inciz (5) ta' l-Artikolu 11 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti qed tordna li tinghata kopja ta' l-Ordni ta' Servizz fil-Komunita' lill-hati, lid-Direttur tal-Ufficju tal-Probation u Parole, lill-Ufficcjal tas-Servizz tal-Komunita` assenjat ghall-kaz mid-Direttur u lill-agenziji u l-awtoritajiet responsabbli ghas-sorveljanza ta' l-Ordni tas-Servizz tal-Komunita`.

Ai termini tal-artikolu 23B tal-Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta tordna li l-ammont ta' elf ewro (€1,000) l-ammont tar-rikavat, jigi konfiskat favur il-Gvern jew fin-nuqqas li tigi konfiskata tali somma, ghandha tigi konfiskata dik il-proprjetà li jkollha l-valur tagħha jikkorrispondi għall-valur ta €1,000.

Finalment bl-applikazzjoni ta' l-artikolu 533 tal-Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta qeghda tordna lill-hati jhallas l-ammont ta' €339.42 rapprezentanti spejjez peritali.

**Dr Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**
**Magistrat**